# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU


Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.


20. 16 TA' JANNAR 1909. L-EUUEL SENA


## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'ill Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u ista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn.

F'in-"Naħla" ŭiegħduni li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Ischejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Hadd ma jista jieħu premju ta' logħob jecc ma jcunx imsieħeb u jcun ħallas l-abbonament.

Il manoscritti ma 'nreġġgħuhomx lura.

L-ittri għandhom jimbagħtu collha il Belt, 37, Strada S. Gioanni; fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avviżi ecc.

A. Levanzin B.A., C.F., P,L. *Direttur-Proprietarju.*

# L-Industriji Maltin.

Billi minn dac li stajt ni-ma l-articoli li gibt f'in-"Naħla" fuk l-industriji maltin intgħoġbu ħafna, tħajjart li illum ucoll immur nitchellem magħcom fuk l-istess ħaġa billi issa saret ucoll il Cummissjoni li tant xtakna u għalecc cull min iħobb lil dana l-imsejchen pajjis għandu jgħin lakxa biex l-affari tirnexxi b'ŭicċ il gid.

Il ħabib tiegħi u corrispondent Ġużè Bosco ta' Costantina bagħatli dana l-articolu li jiena sejjer ingib b'il pjacir, u għalchemm naħseb li għal dac li jixtiek hu il Gvern tagħna ma tantx sejjer jati ŭiden, iżda ma irridx nonkos minn dmiri u ma inxandarx dac li minn kiegħ kalbu jixtiek il patriott ħabib tagħna ta'l Algerija.

Mela dana is-Sur Bosco chitibli:

"Għażiż Sur Levanzin,

Jiena krajt f'in-numru 15 ta'n-"Naħla" l-articolu li inti ctibt b'tant ħeġġa u għakal dŭar it-tŭakkif f'Malta ta' x industriji.

F'is-sabiħa Algerija fejn ngħammar jiena haŭn industrija li tista jssir Malta bla għaŭġ cbir.

Naraŭ, immela, x'inhi dina l-industrija u jecc tgħodd x għalina il Maltin.

Fl-Algier hemm fabbrica li għandha l-appalt ta'l gvern militari u li tista tgħid tlibbes is-suldati collha ta'l Algerija u ta't Tunesija jecc m'hux ta' x bnadi oħra ucoll, minn rashom sa riġlejhom.

F'dina il fabbrica jitfassla u jinħietu l-uniformi ta't-tropop ta daŭna l-artijiet; u għandha ucoll isirù iż-żraben tagħhom Biċċa minn dana ix-xogħol jintgħamel f'il fabbrica stes biċċa jinħadem barra għand il particular. B'dana il mod il fabbrica tħaddem mijiet ta' nies.

Ix-xogħol ta'ż-żraben isir b'mod li min jaħdem ma hemmx bżonn b'il fors icun ta's-sengħa; għaliex iż-żarbun igħaddi minn għoxrin id, min ihit b il macna, minn jagħmel it-taccun minn isammar u x'naf jien.

Is-sid ta' dina il fabbrica stgħana f'il ħin li għajjex ħafna nies.

Dari dana ix-xogħol chien isir f'Parigi; iżda meta fl'Algerija raŭ li da'l ħafna flus chienu ħiergin m'il pajjis tħabtu ħafna biex issir f'il post u irnexxielhom, balleċ!

Issa ingħid jien dac li kiegħed isir fl-Algier ma jistax ucoll isir f'Malta?

Għala Malta li fiha jpoġġu it-tropop collha ta'l art u ta'l baħar ta'l Mediterran ma għandix tfornihom hi b'il ħŭejjeġ? Fejn jinħadmu il ħŭejjeġ u iż-żraben ta's-suldati ta'l Egittu ta' Cipru u ta' Gibiltà, u ta'l baħrin ta'l bastimenti ta'l gŭerra collha li jpoġġu f'daŭc il portijiet? Ma jistgħux jiġu maħduma f'Malta?

Naturalment dana ix-xogħol jintgħata bl-appalt u xejn ma jimporta billi min jieħdu jcun ingliż jeŭ malti basta ix-xogħol isir Malta u m'il maltin.

Jiena da'l progett ma ħlomtx bih illum, għaliex xi għoxrin sena ilu gibtu f'il mejjet "Ħabib Malti," il mibchi Sigismondu Savona, li chelli ix-xorti nara f'gunju ta'l 1907 u li chien tani ir-ritratt tiegħu b'dedica,—chien ŭiezen dac li ctibt jien ferm snin ŭara f'il "Malta Tagħna" gazzetta li dac iż-żmien chienet taħt it-trigijia ta'l cbir patriotta u li cont nicteb fiha jien ucoll.

Dana hu l-articolu sabiħ ta's-Sur Bosco u chiecu il Gvern irid tasseŭ jakbeż għalina biex f'Malta ikanklilna ftit ta'x-xogħol jista jitħabat biex daŭna l-appalti isiru f'Malta b'gid cbir ta' ħafna ħaddiema maltin. U chiecu chienu jaħdmu m'hux biss il ħajjata u l-iscrapar, iżda in-nissieġa ucoll għaliex ma chienet tcun xejn ħaġa cbira chiecu daŭna il ħŭejjeġ isiru ta'l lanchè li jinħadem tant tajjeb haŭn Malta u li jgħodd tant għal l-uniformi. Chiecu immela id-drappijiet jintisġu f'Malta f'loc l-antipaticu Kaki, u jinħadmu ħŭejjeġ minna ucoll tasseŭ li chif ka is-Sur Bosco tcun ta' ġid cbir għalina.

Iżda billi il Kaki jigi m'il l-Inghilterra u ħafna xogħol isir hemm ucoll hi ħaġa karsa ħafna għal Gvern tagħna biex ineħħi dic il-lokma ħobż minn ħalk l-ingliżi biex jatiha lilna il maltin u l-actar billi il ħŭejjeġ ta's-suldati u ta'l baħrin isiru m'it-taxxi ta'l l-Inghilterra u għalecc l-ingliżi jippretendu b'ir-raġun li għandhom jagħmlu ix-xogħol huma. Biss f'Londra bħal ma ħenneŭ tant għal ta' Messina iħennu ftit għal għacs tagħna ucoll, naħseb li ma jagħmlu xejn ħażin għaliex jecc jagħmlu seŭŭa li jħennu għa's-sudditi ta'nazzjonijiet oħra ma jagħmlu l-ebda dnub chiecu jaħsbu ftit ucoll li jimirhu għa'd-dell ta'l bandiera ingliża!

★

Il membri li il Gvernatur għogbu jaħtar biex jieħdu sehem f'il Cummissjoni li għandha tistudja liema industriji jistgħu jitħanklu f'Malta huma daŭn:—

L'Onor: S. Cachia Zammit—President.
E.P.S. Roupell D.S.O.—L-Assistent Segretarju.
Il Marchis u Onor: Mattei.
Il Curunell J. Francia M.V.O.
IlProfessur N. Tagliaferro I.S.O.

Il membri huma magħżulin tajjeb ħafna għaliex huma collha nies li jifmhu u li jecc iridu tasseŭ jaħdmu jistgħu jagħmlu ħafna gid lil pajjis, u għalecc nitma li fl-aħħar naslu f'xi ħaġa u li dina id-darba ma incunux ħlejna għal xejn ħafna cliem u chitba bħal drabijet oħra.

Intgħażlu ucoll m'il Gvernatur il membri ta'l Cummissjoni l-oħra li inħolkot biex tara x'jista jsir biex jingibdu il passiggieri f'Malta u li huma daŭn:—

Il Marchis u Onor: Dr: Mattei—President.
E.P.S. Roupell D.S.O.
Il Marchis Testaferrata-Olivier.
Captain Worcester.
Antonio Lanzon.

M'il għażla ta daŭn il membri ma jiddispjacinix l-ankas u nitma li jaħdmu u jħabblu moħhom ftit sħiħ biex naraŭ chif nagħmlu u niġbdu f'pajjisna ftit minn daŭc il frustieri li f'loc li jerdghulna demmna jħallulna ftit flus minn tagħhom f'pajjisna.

# AHBARIJIET TA' BARRA.

Messina għandha tarġa tinbena iżda m'hux kabel ma jgħaddu sitt xhur.

F'Giarre u Riposto inħasset tgħeżżiża kaŭŭija ta' terremot u ŭakgħu xi djar u x'imchien xpaccat l-art.

Il Ministru Orlando sgura li f'Messina intilfu ma'l mit elf ruħ, li magħdudin ma daŭc ta Reggio u ta'l bliet l-oħra jagħmlu forsi l-acbar numru li katt intilef f'terremot ŭieħed 200,000; għaliex s'issa, għalchemm l-acbar terremot li sar f'id-dinja chien dac ta'l gżejjer ta Sumatra li sar xi tnax il sena ilu u li fih niżlu gżejjer sħaħ u tellgħu oħrajn ġodda iżda it-terremot li l-actar mietu nies fih chien dac ta Jeddo f'il Ġappun, li sar fl-1703 u li fih inkerdu ma'l 190,000 ruħ

Fl-aħħar mitt sena inkerdu b'it-terremoti actar minn miljun ruħ!

L-Australja bagħtet 10,000 lira għal vittimi ta't-terremot.

Sa'l 4 ta Jannar geŭ salvati minn Messina 15,559 ruħ. 12,270 salvaŭhom il baħrin taljani, 1.139 il baħrin ingliżi, 1,255 ir-russi u 400 it-tedeschi.

B'collox bejn bliet u irħula mirduma jeŭ maħsusa m'it-terremot jingħaddu tmienja u tletin.

F'Naz, belt fl-Isvizzera ŭaka is-sakaf ta'l Cnisja u bakgħu mejtin ŭieħed u tletin u ħamsa feruti.

Il Camra ta'd-Deputati Taljani tat setgħa li jonfku miljun u mitejn elf lira sterlina għal bżonnijiet ta'l vittimi ta't-terremot.

Terremot ieħor inħas nhar It-Tlieta f'il għodu Fl-Aŭstrija minn Serajevo sa Triesti.

★

## FRAC.

Nirringrazzja b'kalbi, collha l'is-Sur Fons Galea ta'l ctieb b'it-taljan li bagħtilna "Il Diacono S. Lorenzo" u li hu il pani gircu sabiħ li il mibchi Patri Urso chien għamel il Birgu fl'1908.

Dan il ctieb hu stampat tajjeb ħafna m'is-Sur Muscat u tiegħu għoġobni ucoll ħafna il cartellun li għamel għa's-Serata ta'l flotta americana. Għallinkas l-istampa f'Malta miexja ħafna u ix-xogħlijiet li cull tant tara jatuc pjacir. Is-Sur Critien jagħmel xogħol ta' cartelluni sabiħ u eżatti ħafna ucoll.

★

Nhar it-Tlieta li gejjin, 19 ta' Jannar, f'it-tmienja u nofs ta' f'il għaxjia, f'is-"Soldiers and Sailors Institute" ta'l Belt iż-żagħżuħ intelligenti Albertu Laferla sejjer jagħmel bl-ingliż conferenża interessanti ħafna "Prehistoric Malta." Is-soġġett hu difficili ħafna' iżda billi naf li 's-sur Laferla meta jindaħal għal ħaġa jistudjaha seūūa, nitma li jgħarrafna b'ħafna ħūejjeġ ġodda u sbiħ fuk din l-epoca li nafu hecc ftit fukha.

Lil dana iż-żagħżuħ li kiegħed tant jieħu interess m'il l-Istorja tagħna, faħħartu ġa, chif chien jistħokklu, f'numru ieħor ta'n-"Naħla" fuk conferenza oħra li chien għamel. bl-ingliż ucoll, fuk il Franciżi f'Malta; u irrid inkaūūilu kalbu biex icompli f'daūna l-istudji u ħalli l-ingliżi jitgħallmu l-istorja tagħna biex forsi xi uħud minnhom jippersūadu ruħhom li aħna conna popolu civilizzat kabilhom u li aħna ma aħniex dic il merħla "natives" chif jifhmu huma.

★

Ftit ġranet ilu ūasal f'Malta is-Surmast Seppilli, l-aūtur ta'l opra il ġdida li sejjra issir f'it-Teatru Manoel imsejħa "La Nave Rossa." Dina l-opra intgħoġbot ūisk Barra u ġa saret f'ħafna teatri u għalecc xtraha l-Editur Sonzogno u lil Seppilli ordnalu li jictiblu opra oħra. Nixtiek b'kalbi collha li dina l-opra tintgħoġob haūn Malta ucoll; ūaħda biex jieħu jacir is-Surmast Seppilli li tkankal u giè f'pajjisna, li hl l-eūūel darba, sa fejn naf jien, li aūtur ta' opra giè f'Malta biex jassisti għal l-opra tiegħu, u it-tieni biex b'xi mod jiġu irricompensati ftit is-Sinjuri Gollcher u Zammit li ma beżgħux għal flus u kiegħdin jagħmlu cull ma jistgħu biex jiccuntentaū lil pubblicu malti billi jatuh ħafna opri ġodda u sbiħ.

★

Billi haūn Malta haūn ħafna li jieħdu interess cbir fl-istudji tax-xjenzi hecc imsejħin psichici, igifieri ipnotismu, spiritismu, telepatija, chiaroveġġenza, manjetismu animali, u jiena ħsibt li jixrak li tinħolok haūn Malta soċjetà bħal daūc li hemm Barra biex daūc collha li jħobbu jistudjaū daūn ix-xjenzi jcunu jistgħu jgħinu lil xulxin. Għalecc nhar il Ħadd li gej, 17 ta Jannar, f'it-3 ta ūara nofs inhar, daūc collha li jixtieku li issir dina is-Soċjetà huma mitlubin li jiġu għnndi Ta's-Sliema, Strada San Vincenzo No 12 biex natu bidu għal dina is-Soċjetà u biex naraū x'ūieħed jista jagħmel biex daūna l-istudji f'Malta jimxu il kuddiem.

★

Ġużè Micallef, ta'l Imsida u li jokgħod f'Vallone Birchircara numru 86a talabni biex nirraccomanda lil Cappillan ta'l Imsida biex nhar ta' Ħadd il kuddies joħroġ b'il ħin fiss u m'hux min imur f'il cnisja jeū isib żeūġ kuddisiet jeū ma jsib xejn u jdum jistenna ħafna; u li it-tkarbin isir actar f'ħin kasir biex min icun fjacc u jrid jitkarben ma jokgħodx jistenna siegħat sħaħ. Chitibli li ma hemmx min ikarar b'iż-żejjed, li il cnisja tinżamm maħmuġa ūisk u f'id-dlamm Jecc dan li kal au minnu il Cappillan ta'l Imsida li hu kassis rispettabbli ħafna jista jagħmel xi ħaġa għal gid biex ma jħallix in-nies ta'l parroċċa tiegħu tgħemgħem u biex id-Dar t'Alla tinżamm aħjar.

Chitibli ucoll li mar għaxar darbiet il Curja ta'l Iskof biex jagħmel il griżma lil tifel tiegħu u li ma sabx l-Iskof jeū ma sataxjinkeda u għalecc it-tifel tiegħu baka bla griżma, u li chiteb sa ittra u ma ūieġbuhx għaliha. Jecc inhu chif kal, l-Iskof, li għandu tant kalbu tajba, jista jagħmel xi ħaġa biex il fkar ma jokgħdux jiġgereū il Curja ħalli iagħmlu il griżma l-uliedhom. Jiena ma għamiltux dan biex inċanfar lil ħadd iżda biex insamma il leħen ta'l poplu u biex jista jsir xi gid f'il Cnisja t'Alla.

★

Fis-6 ta' Jannar ta'l 1906 saret Socjetà il Ħamrun ta'l "Mutuo Soccorso" taħt l-isem ta "San Giuseppe" f'il Casin ta'l Banda ta' dan l'isem, għal bandisti biss. Issa daūn il ġranet il Cumitat mitlub minn bosta socji ta dan il Casin ta f'Seduta Generali, il privileġġ li jistgħu jidħlu is-socji l-oħra ta'l casin ucoll.

Cull socju f'il cas ta' mard jieħu xelin cull jum u jcollu it-tabib u il medicini b'xejn. U għall dan collu x'inhu li jħallas? Zeūġ soldi biss f'il ġimgħa. M'hemmx bżonn li jcun m'il Ħamrun; basta minn Malta u Socju f'il Casin li semmejna. Is.Socji f'dan il Casin iħallsu sitt soldi f'ix-xahar F'dan iż-żmien hecc ħażin Socjetà bħal din għal Malta hi ta' gid cbir.

Minn jcun irid jidħol fiha jista igigħel lil xi ħadd m'is-socji biex jipproponieħ bħala socju f'il Casin. Jiena nirraccomandaha b'kalbi collha għaliex il għakda bejn in-nies ta's-snajja tagħmel il kaūūa, u cac il ftit li ūieħed iħallas ma tul ix-xahar ma jaraħ xejn iżda meta jimrad ibiercu. Għamlu bħan-nemla u ma jibdieleomx.

B'għasra ta' kalb cbira sejjer inħabbar it-telfa kalila ta' ūieħed m'il l-aħjar tobba li chellna

**SALVU GRECH**

li fl-aħjar ta ħajtu ħalla dana il ūied ta'd-dmugħ ūara li ġarrab tant ksim ta' kalb b'it-telfa ta martu u ta bintu u li cheddeū ħafna il kalb tajba tiegħu.

It-tabib Grech chien ūieħed m'il aajar tobba għal ħlasijiet ta'n-nisa u għalecc giè maħtur bħala Professur ta'l Università u ta'l Isptar. Nitolbu l-Alla li jcollu ħniena minn ruħu u li jatih il mistrieħ ta' dejjem.

Nhar il Ħamis, f'Ħattarc, ħalla dana il ūied ta'd-dmugħ

**G'ANNI CHETCUTI**

ta' 22 sena, u li chien Assistent fl-Iscola ta'l Gvern u Deputat ta'l Casin "La Stella Levantina."

Itolbu għal mistrieħ ta' ruħu.

Il kuddiem nithaddtu actar f'it-tûl.

**Lil A. B.** (Sliema).

Trid taf jecc l-istenografija hix antica u liema hu l-aħjar sistema li haŭn illum biex titgħallmu. Inŭieġbec li l-istenografija fi żmien is-sultan David chienu jafu ġa xi ħaġa bħala. Fi żmien ir-Rumani chienet tissejjaħ "note tironiane" billi is-sinjali chien ħolokhom Tirone. Fl-Ingħilterra u f'xi pajjisi oħra mexa għal ħafna żmien is-sistema Taylor, iżda meta ġiè is-sistema foneticu ta' Pitman cullħadd beda juża lilu. Biss krajt bosta drabi li illum hemm żeŭġ sistemi ħafna aħjar m'il Pitman, iżda dana sejjer ingħidulec fuk cliem ħaddiehor billi jiena ma studjajthom seŭŭa katt.

Is-sistema Gabelsberger jimxi ħafna f'il Germanja billi ivvintah tedesc; jimxi ueoll ħafna fl-Italja billi irranġah għal l-ilsien taljan certu Noe u għalecc fl-Italja isejjħulu is-sistema Gabelsberger-Noe u jfaħħruh ŭisk. Fl-Ingħilterra miexi ucoll ħafna is-sistema Sloan-Duployan li tiegħu rajt il cotba u f'xi ħŭejjeġ għoġobni ħafna actar m'il Pitman. Is-sistema Duployan jimxi ħafna fi Franza; Sloan irranġah għal l-ilsien ingliż. Is-sistema Pitman irranġah għal l-ilsien taljan Francini iżda ħafna li jifhmu jgħidu li is-sistema Pitman ma hux tajjeb ŭisk għat-taljan u li għal dana l-ilsien aħjar ħafna is-sistema Gabelsberger-Noe. Mela jecc inti trid tistudja l-istenografija biex ticteb b'it-taljan tgħallem is-sistema Gabelsberger-Noe; jecc għal l-ingliż kabel titgħallem is-sistema Pitman ati dakka ta' għajn l-is-sistema Sloan-Duployan għa'x kiegħdin ifaħħruh ħafna u billi ġie ŭara il Pitman xi ħaġa aħjar fih dejjem.

**Lil M. G.** (Floriana).

Biex tonkox ismec jeŭ xi disinn fuk l-azzar għamel hecc. Ixtri ftit solfat ta'r-ram (dac li jgħidulu "cupru") u ħollu fi ftit ilma. Hu biċċa sapun, xarrabha ftit u għaddi biha l-azzar li tuku trid ticteb b'mod li fuk l-azzar tibka bħal żlieġa ħoxna. Icteb jeŭ ħożż b'lapes dac li trid basta ixxarrbu f'il cupru maħlul li tcun lestejt. Ħallieh għal ftit minuti u imbagħad aħsel u ixxotta tajjeb u tara li il chitba jeŭ id-disinn li għamilt ħarġu sbiħ ħafna fuk l-azzar.

**Lil M. G.** (Il Belt).

Għedtli li tiddellitta ħafna b'il bussollotti u tixtiek taf jecc nistax ingħidlec chif tagħmel xi tnejn ħfief biex tgħaddi iż-żmien ma xi ħbieb.

Ara daŭn tafhomx:—

1. Hu ħadida, icŭiha sa tibjad; hu biċċa cubrit, ħocca ma'l ħadida ticŭi u tara chif il ħadida minnufih iddub ktar ktar. Jecc tŭakka daŭn il ktar fi friscatur bl-ilma jagħmel effett aħjar.

2. Hu 15 il parti bismut, 9 parti ċomb u 6 parti stann, deŭŭibhom flimchien u għamilhom cuċċarini li jiġu donnhom ta'l fidda. Meta jigi xi ħabib għandec offrilu chiccra tè sħuna u tieh ŭaħda minn daŭc il cuċċarini f'idu, u tara chif jibka x'ħin malli jdaħħalha ġo't-tè sħun iddub minnufih u ma tidhirx iżjed.

3. Ixtri ftit trab ta'l licopodju minn għand l-ispiżżjar u ħocc idec tajjeb bih. Itfa biċċa flus ġo friscatur ilma, gibha b'idec u tara chif idec ma tixxarrabx.

F'numri oħra ingiblec xi ftit oħrajn.

**Lil M. S.** (Il Belt).

Għedtli li ippruvajt ħafna medicini patentati biex tneħħi il brija minn rasec, u li għad li użajt l-actar imfaħħra bħal *Captol, Harleine, Koko, Migone* u xi oħrajn ŭara targa tiffaċċa: Ipprova dana ir-rimedju ħafif u li jkum ftit flus u nitma li tmur tajjeb bħal ma mort jien stess. Ixtri b'sold trab ta'l cubrit u ħollu fi flixcun li jasa xi nofs ilma; dac li ma jinħallx ħallieh f'il kiegħ u ħabbtu cull darba kabel tużah. F'il għodu hu ftit minnu f'kiegħ idec, ogħroc tajjeb xagħrec bih, u jecc togħroc bi xcupilja jcun aħjar. Użah għal xi żmien u tara chif il brija ma tiffaċċax iżjed. Jecc tcompli tiffaċċa hu ftit Fowler fl-ilma għal xi żmien għaliex it-truf ta'n-nervi jcunu morda. Biss okgħod attent għaliex il Fowler fih l-arsenicu li hu velenu u għalecc ma tistax tieħu ħlief ftit ktar chif jordnalec it-tabib.

**Lil P. G.** (Sliema).

Fuk l-imgħax actar m'is-sitta f'il mija li ħadulec xejn tħabbel rasec għaliex scond il-ligi għandec id-dritt collu li tieħu l-ura dac li tajt żejjed. L-aħjar li tagħmel kabel tħallas is-somma żommlu id-differenza li ħadlec iżjed u ħallieh ifiċċec.... għaliex jaf li għandu tort u ma jagħmlux.

**Lil M. N.** (Bormla).

Ma krajt katt li bl-ipnotismu jeŭ bl-ispiritismu tista tcun taf il ħŭejjeġ li għandhom jiġru, u krajt ħafna. Għalecc jecc bi ħsiebec issir ipnotista jeŭ spiritista biex tista tcun taf il mistoksijiet li jagħmlulec fl-eżami, akta jesec, u studja m'hux biex tgħaddi l-eżami biss iżda biex tcun taf il ħaġa seŭŭa u issir raġel.

**Lil A. Abela** (Ħamrun).

Meta l-ircevuta tcun ta' lira seŭŭa ma tagħmilx bolla ta'l ircevuta fiha; jecc tcun imkar sold iżjed, iva; u tibka tagħmel bolla ta' sold tcun chemm tcun is-somma.

**Lil Ġorġ Darmanin** (L-Isla).

Il-lista li bgħatt titlobni ta'l Iskfijiet ta' Malta ma jistax icun li ingibielec għaliex tŭila ŭisk u tista issibha malajr. Fittixha fl-Istorja ta' Malta ta' Castagna, fl-aħħar, u takta xeŭktec; għaliex f'it-tŭiegib jiena irrid ingħin lil l-imsieħbin f'dac li ma tantx jistgħu jafuh jeŭ isibuh malajr; l-istess ingħid lil Ellul ta' Ħal Chircop għal lista ta'l Cappillani ta' dac ir-raħal. Id-"Descrizione delle chiese di Malta e Gozo" ta' Ferris issibha malajr il Biblioteca Pubblica ta'l Belt.

**Lil Lorenzo Farrugia** (Il Birgu).

Jiena ma nistax inŭiegeb lil cullħadd f'dakka, ŭaħda għaliex ma għandix ŭisa f'dakka għal xi tliet mitt mistoksija li għoġobhom jagħmluli l-imsieħbin u l-oħra għaliex biex tŭiegeb għal certi mistoksijiet trid żmien u studju u jiena enciclopedija ma inhix. Mela f'loc li tgħemgħem hu pacenzja sa jasal ŭaktec u jecc xi darba ma inŭieġbecx għid li dic il mistoksija ma hemmx għal fejn ŭieħed iŭiegibha f'il gazzetta. Jecc tiltaka miegħi jeŭ tcun tista tigi sa'l uffiċċju staksihieli b'il fomm u forsi incun nista nakdic actar malajr u inŭieġbec aħjar. U ħtacar li ftit ħleŭŭa u manjera f'il chitba ma jagħmlu xejn ħażin.

**Lil C. S.** (Ħal Għargħur).

Aħslilha rasha tajjeb b'il misħun fietel li fih tcun ħallejt l-acidu boricu (5 f'il mija); jecc m'hux b'iż-żejjed itlob lil l-ispiżżjar ftit ungŭent bl-ictiol u ir-resorcina; u jecc jatihulec idlec bih tajjeb u tara chif toħroġ cuntent.

**Lil C. Barbara** (Il Birgu).

F. O. B. tfisser *franco bordo* igifieri li l-ispejjes ta't-trasport tħallashom id-Dar sa'l port fejn tcun tokgħod int.

C. I. F. ifissru li l-ispejjes collha, ta' l-assicurazjoni ucoll, huma fuk spallejn id-Dar.

*Limited* igifieri li id-Dar icollha frieghi oħra imxerrdin fl-istess pajjis jeŭ f'pajjisi oħra.

# COLONNA SAGRA.

Kabel xejn, billi l'Evangeliu hŭa ħaġa ta'l icbar rekka, inseŭu sball li ħareġ il gimgħa l-oħra. Mela, il chelmiet *Iżda huma fehmu dac li chien kalilhom,* għandhom jinkraŭ *Iżda huma ma fehmux dac li chien kalilhom.* (1)

Ngħaddu issa għat-tifsir tal Evangeliu tal Ħadd li għadda, bħal ma ŭegħidna.

L-eŭŭel nett, il Lhud irgiel chellhom l'obbligu li jidhru kuddiem Alla, fit-Tempiu, tliet darbiet fis-sena: fil festi tal Għid, tal Penticosti u tat-Tabernacoli; u in-nisa li ma chienux obbligati, chienu imorru darba biss, fil Għid, b'devozjoni San Luka ma isemmix ħlief l'obbligu tal festa tal Għid, għax fiha chienet tmur il Madonna, fiha ġrat it-telfa ta Gesù. Imbagħd, jaħtieġ ucoll incunu nafu li il Lhud chienu idarru l'uliedhom jibdeŭ isumu u jatu raħħom għax-xogħol ma għeluk it-12 il sena, chif Gesù beda juri-ruħu f'dac iż-żmien, bil għageb ta għerfu kalb id-Dutturi. —Fl'aħħar nett, il Ligi ta Mosè ma tgħidx minn mita chellu jibda l-obbligu (għargiel) tat-tliet maŭriet fit-Tempiu, għat-tliet festi li semmejuna; u l-aħjar Chittieba igħidu li il Għorrief tal Lhud chienu għamluħ mit-12 jeŭ mit-13 il sena il-fuk imma bosta jaħsbu li Marija u Giuseppi chienu jieħdu il Gesù cull sena, għall festa tal Għid.

Is-saŭm, li fih ma chienx jittiechel ħlief ħobż ażżmu, chien idum il gimgħa collha ta kabel il Għid: imma il Lhud, biex iżuru it-tempiu, ma chellhomx l-obbligu li jokogħdu Gerusalemm dac iż-żmien collu. Giuseppi u Marija chienu jokogħduh b'devozjoni.

Il għodŭa tat-tluk minn Gerusalemm, chienu jagħmlu l'aħħar żjara lit-Tempiu: u, billi ir-rgiel chienu joħorġu għalihom u in-nisa għalihom, mentri it-tfal chienu jistgħu jokogħdu seŭŭa ma'l omm u seŭŭa ma'l missier, hecc ġara li Giuseppi u Marija ma'ndunaŭx li Gesù baka fit-Tempiu, għax Hi ħasbitu migħu u Hu ħasbu maħħa.

Chienu jistrieħu fil għaxjia: u għal hecc ġara li, ŭara ġurnata mixi, mita Marija u Giuseppi ŭakfu fiimchien, indunaŭ li Gesù ma chienx maħħom: u bdeŭ ifittxuħ kalb iċ-ċorom tal ħbieb u tal kraba li chienu jivviaġġaŭ bħalhom.

Sabuħ *ŭara tliet ti jem* jigifieri *it-tielet ġurnata,* ngħidu aħna il *pitgħada li bdeŭ ifittxuħ.*

Għandna nifhmu ucoll li Marija għamlet dic il leŭma ħelŭa lil Gesù, talli chien baka hemm mingħajr ma kalilhom ŭara li ŭarrbu minn ħdejn id-Dutturi, mhux fit-Tempiu, kuddiem cull-ħadd; u, fuk collox, huma ħŭejjeġ għeżież is-schiet ta' Giuseppi u l'umiltà ta Marija, li kalet lil Gesu: *Missierec u jena,* mentri Hu ma chienx ħlief Binha, għad li semmiet il Giuseppi kabilha.

Marija u Giuseppi chienu jafu li Gesu chien l-*Iben t'Alla* u; b'dic ir-risposta 'mkaddsa tigħu, ried igħidilhom li chien giè fid-dinja biex iŭettak ir-rieda ta Missieru, chif chien bida hemm fit-Tempiu; imma, 'mbagħd, baka maħħom, jobdihom f'collox, sachemm ŭaslet is-sigħa tigħu, biex jurihom, fid-dŭejra ta Nażar, l-imħabba li chellu għalihom.

(1) *Et ipsi non intellexerunt verbum quod locutus est ad eos.*

San Luka—2.50.

*Ed eglino non compresero quel che egli aveva lor detto.*

Martini.

## L'Evangelju ta għada

It-tieni Ħadd fuk l'Epifanija.

L'Isem Imkaddes ta Gesu.

San Luka. Cap 2:—

"Dac iż-żmien, mita għalku it-tmien ti jem (a) biex it-tifel jigi circumcis (b), taŭħ l-isem ta GESU', bħalma chien imsejjaħ mill'Anġlu kabel ma chien tnissel fil ġuf." (c)

(a) Jigifieri mita uaslet it-tmien ġurnata, m'hux mita it-tmien ti-jem chienu digià għaddeu.

(b) Ic-*Circumcisioni*, jigifieri il *ħtin* jeu it-*tkartif* (ma għandniex chelma aħjar b'il Malti) chien isir lis-subien fit-tmien ġurnata minn tuielidhom, mil Kassis: u il Lhud hecc għadhom jagħmlu sa'llum.

(c) Barra minn dan l'Evangeliu, li jingħad ucoll fl'euuel tas-sena, ottava tal Milied, jigifieri seuua-seu it-tmien ġurnata mit-Tuielid ta Gesù; għada, fl'aħħar tal Kuddiesa, f'loc issoltu Evangeliu ta San Ġuan ta cull-jum, jingħad l'Evangeliu tat-Tieni Hadd fuk **l-Epi**fanija: il miraclu tal ilma imbiddel f'imbid, uakt it-tieġ ta **Kàna, fil** Galilija, fejn chienu mistiednin Gesù, Marija u x'uħud mill'Appostli.

## Il Kaddisin tal Gimgha.

Nhar it-Tnejn—18 ta jannar—bl'abjad— il Catedra tal Appostlu San Pietru f'Ruma.

Nhar it-Tlieta—bl'aħmar—San Canut-Sultan u Martri—jista isir ucoll il kuddies għall'Eruieħ, bl'isŭed.

Nhar l-Erbgħa—bl-aħmar—San Fabian u San Bastian, Martri (Toħroġ Processioni mil Catidral u issir Kuddiesa m'il Capitlu fil Cnisja ta San Bastian tar-Rabat, b'ringrażżjament tal ħelsien m'il pesta ta's-sena 1501).

Nhar il Ħamis—bl'aħmar—Sant'Anjese, Virġni u Martri.

Nhar il Gimgħa—bl-aħmar—San Vincenz u San Anastasiu Martri—jista jsir il kuddies għall'Erŭieħ, bl'isŭed.

Nhar is-Sibt—bl'abjad—L'Għerusija tal Madonna.

Nhar il Ħadd—24 ta jannar—bl'abjad—is-Sagra Familja ta Nażar: Gesu', Marija u Giuseppi.

G. Muscat-Azzopardi.

# IS-SAĦĦAR FALZUN

## RUMANZ MALTI ORIGINALI

ta'

## AGOSTINO LEVANZIN

Ħamid ŭasal kabel collu ferħan tala jiġri fejn il Cavaħer biex jatih il bxara tajba li gieblu lil Carmena; De Sa-Saqueville kabeż m'is-sodda b'il ferħa u il ħasda għaliex katt ma fehem li Carmena chienet tħobbu daks hecc u li hecc malajr chien sejjer ipatti lil Ambroġ dac collu li għamillu f'dic il-lejla mishuta, fetaħ caxxun li chellu ħdejn rasu, kabat ponn eŭiek u tahom f'id Ħamid li collu imfixchel tefagħhom ġo butu u ŭiegħed li għandu jagħmel dac li kallu, igifieri li malli Carmena tidħol f'il camra għandu joħroġ, isaccar minn barra, ixaħħam tajjeb lil ta'l Caless biex ma jgħid xejn u hu jmur m'il l-actar fis l-Imdina biex igħarrex u jitchixxef ħalli jecc xi ħadd jintebaħ Carmena fejn chienet u jcun hemm xi aħbar ħażina jigi malajr igħarrfu.

"Għamel li għedtlec, Ħamid, ftacar li l-Ingħiżitur ta' Malta hu jien, ftacar li rasec hi f'idejja, u li jecc takdini seŭŭa nisŭielec.... mur u għid lil Carmena titla għaliex ma narax il ŭakt ħieni li inserraħ fih l-imħabba u il vendetta tiegħi....

Hamid baxxa rasu u hareġ, sab lil Carmena ġa tielgha it-taraġ billi chien kal lil Ŭenza li thalliha tgħaddi; kallha li il Cavalier chien kiegħed jistenniha, uriha il bieb miftuħ ta'l camra, halliha tidhol, u malli raha mitlufa, mgħannka ma' De Saqueville, tebak il bieb, ta' daŭra lil muftieh u b'daħka ħajna bejn snienu, żamm b'idu il ġozz ta'l flus biex ma jcech-ċcux u insilet sabiħ, sabiħ il barra.

Richeb ġo'l caless, kal lil Ġorġ biex isuk seŭŭa tgħez-zez f'ir-rocna ŭara il purtiera u f'chemm ili ingħidlec ŭaslu taħt l-Imdina.

Hamid gieghlu jŭakkaf, ŭiddbu li milli għadda ma chellux iħalli chelma biss toħroġ minn fommu għaliex cusu chien im-dendel ma'l bieb ta'l Cavalier, dakklu f'idejh sħan, sħan, ukitejn milli chien dabbar, u baxx, baxx, minn taħt il ħitan ŭasal id-dar ta'l Hachem.

Chif chien għaddej minn ŭara il bieb ta'l Barunissa Ingŭanez sama ix-xhir ta' Marija, intebaħ li chienet mietet ommha, u kal, ġo kalbu. "mur hu ifhem id-dinja, Marija tixher u tolfok, Carmena iżżiegħel b'il Cavalier ta' kalbha, Hamid butu b'il flus u Ambroġ imnicchet ħdejn Marija bla ma jaf liema dakka ta' stallett ħarxa chienet merfuha għal kalbu malli jis-baħ seŭŭa.

Hamid daħal chiscnijiet f'camartu, ħeba f'rocna il flus ŭara li għaddhom, biddel ħŭejjġu ta' b'il-lejl u libes ta' kad-dej bħa's-soltu u tala jgħid lil Hachem li ħalla lil Carmena titkarben il Grotta u li bagħtitu kuddiem biex jara jecc għandux bżonn ta xi ħaġa.

Il Hachem kallu li chellu bżonn ichellem lil ħabib tiegħu Kalamias, grieg nobbli u għani li chien gie f'Malta minn Rodi ma'l Cavalieri billi ma riedx jibka taħt il ħacma ta't-Toroc u li chien tħabbeb għal darba ma'l Hachem u li miegħu biss chien jiftaħ kalbu meta chien isib ruħu f'xi ga-żiba ħoxna; u billi dana chien imdaħħal seŭŭa f'is-snin u chien baħħar ħafna u għamilha ma' ħafna nies chien jaf x'tati id-dinja b'iż-żejjed u għalecc il Hachem chien igħożż il fehma tiegħu ŭisk.

"Mur" kal il Hachem lil Hamid, "u għidlu li ŭara il kuddies nixtiek inchellmu premura." Hamid sellem b'rasu, u hareġ biex jakdi lil sidu.

***

Ma laħketx għaddiet siegħa li ix-xŭejjaħ Kalamias ma chienx f'il camra ta'l Hachem, li chien ilu xi ftit ta'l ġranet miġbur f'camartu billi f'ix-xitŭa chienet taħcmu ħafna il pul-lagra.

Is-Sur Kalamias ħabbarlu il meŭt ta'l Barunissa Ingŭanez u dana deher li għela seŭŭa; ŭaħda għaliex chienet ħabiba ħafna tagħhom u l-oħra billi ibnu Ambroġ chien sejjer jitħal-lat magħhom.

"Il Barunissa chienet misjura seŭŭa" kallu "għaliex chienet chisritħom it-tmienin, u minn bajtar misjur bħalna x'tistenna ħlief li ŭaħda ŭara l-oħra nakgħu m'is-sigra?...Chienet mara tajba ŭisk u f'il għoxrin sena li ilha armla katt ħadd ma sama akkal minn isimha, u rabbiet lil bintha Marija f'il biża t'Alla u f'il ġabra; u ŭaħda m'il ħŭejjeġ li itaffuli ftit il pŭieni ta' kalbi hi dic li Ambroġ għaraf tafa għajnejh fuk tifla seŭŭa u li tixraklu. Għall ankas jecc sejjer immut b'il ħsieb ta' Carmena, li ma taħsibha xejn bħal hutha, ma immutx b'il ħsieb ta'l oħrajn ucoll..."

"Bluha ta'x-xbejbiet" kabes kal Kalamias, "mela inti insejt żmienec? Tgħid meta conna daksha ma tbellaħniex xi ftit ucoll?... Ma's-snin jicber il għakal u tara chif daŭna il ħafna ħieles li daħħalt f'rasec fukha ma chienux ħlief l-imħabba. u il fittaġni cbira li għandec f'ŭliedec...."

—"Le, inti taf daksi chemm hu karrieki dac il misħut Cavalier; taf bħali liema għerra kalila kankal contra il Gran Mastru biss għax dan ried irażżnu minn daŭc il ħafna għarucażi-jiet li kiegħed jagħmel u li bihom tilef il gieħ ta'l libsa li għandu fuku. Inti smajt bħali lil chemm il xebba chisrilha għonkha għa'x-xeŭkat ħżiena tiegħu.... u issa li, chif kalli Am-broġ, tafa għajnejh fuk Carmena ŭisk nibża li b'il kerk tiegħu jasal biex iġarrafha.... u ŭara tant għali.... ŭara li tlift lil marti u għadni sa'l-lum ma nafx x'sar minnha, ŭara it-telfa ħarxa ta' Dun Matt, li chien il mimmi ta' għajnejja, ŭara il għaŭġ collu li ġarrabna m'it-Toroc.... ma's-snin u il hemm li bih ninsab imgħaŭŭex, jecc tatini xi għalja Carmena sgur titfagħni biha f'il kabar...."

—"Hallic minn dan, Sur Hachem" kallu Kalamias, "dana ma għandecx għala taħsbu.... Carmena hi anglu minn ŭiċċha u minn kalbha, u ma jista jcun katt li mrobbija b'tant għożża u b'tant tjubija u dejjem taħt għajnejcom, li sejjer biss katt igħaddilha il ħsieb minn rasha li tati ŭiden għal kerk ta' dac il misħut Cavalier. Cheċċi da'l ħsieb icreħ minn rasec, għa'x ma hemmx ħocu u nitħaddtu ftit fuk il maŭra ta'l Gran Mastru f'Ruma."

—"Jien bgħatt għalic għaliex għarrfuni li instemgħet xi aħbar tajba fuk Dun Matt, li m'hux tasseŭ li tefgħuh f'il bir ta's-schiechen bħala ŭieħed li ma jemminx iżda li jinsab makful f'il ħabs ta'l Inghiżitur biex jaraŭ chif jagħmlu u jbeŭŭġuh baxx, baxx lejn Sqallija ŭara li jieclulu cull ma għan-du...."

—"Jiena naħseb li dina hi collha bixcla ta' De Saqueville billi l-Inghiżitur, li hu ragel tajjeb ŭisk, jafda ħafna fih u bosta drabi, bla ma jifhem li kerk tiegħu, jati ŭiden lil cliemu. Halli fi ħsiebi dina il biċċa... sa ftit ġranet oħra incun nista natic xi aħbar tajba.... jiena naf min hu ta' geŭŭa ma' De Saqueville u li jista jcun jaf xi ħaġa minnu chif tixtiek int. Il ħafna snin li ili fostcom sŭeŭli għal xi ħaġa, għall-ankas biex nagħmel xi ftit ħbieb għeżież bħal ma hu int...."

*(jissocta.)*

# LOGHOB.

## TIFSIR TA'L LOGHOB TA' KABEL.

Ix-Xarada ta'n-Nu 18:—CORDI - CELLA.

Fissruha tajjeb: C. Cassar (Bormla); Ivo Muscat-Azzop-ardi (Il Belt); E. Lupi (Il Belt); Ugo Grech (Haż-Zebbuġ); E. u O.Valenzia (Bormla): Ġorġ Darmanin (L-Isla); L. Ellul (Hal Chircop); Fco Said (Tarxien); P. Abela (Bormla); Gaetano Grixti (Gudja); Salv: Duca (H. Axak); Sp: Navarro (Il Belt); G. Busuttil (Floriana); Alb: Cefai Aquilina (Sliema); Sac: G. M. Dimech (Mosta); Gna. Pandolfino (Sliema); C. Abela Hyzler (Sliema); Mary Croce Schembri (Sliema); G. Scerri (Floriana); Ant. Mercieca (Mosta)u Marija Dolores Cardona (Sliema).

**ID-DIZZJUNARJU**

rebħu is-Sur ERCOLE VALENZIA ta' Bormla u jista jigi għalieh u jiena sgur li joħroġ cuntent ħafna għaliex dak tasseŭ li għasel ta'n-"Naħla." L-oħrajn jistgħu jiġu għal premji tagħhom ucoll. B'collox il logħob ta' dina id-darba sŭiebu m'at-tliet liri, u għalecc jixrak li daŭc li għadhom ma ħallsux jagħ-mluli il kalb ħalli incompli nagħmel jien ucoll.

## LIL L'IMSIEHBIN

BEJN DAŬC COLLHA LI ĠA HALLSU JEŬ LI JCUNU HALLSU, l-EŬŬEL SITT XHUR SA' L-AHHAR TA' JANNAR, *BASTA JIĠU MINN JEDDHOM*, TINTRAFA COPJA OHRA TA'D-DIZZJUNARJU INGLIŻ U TALJAN, ILLEGAT SABIH, BHAL DAC LI TAJT GHAL LOGHOB.

LIL MIN MA JCUNX HALLAS NIBGHATLU SANTA MINN DAŬC TA'L KORTI GHALIEX IL ĠURNAL MA JZOMMX B'IR-RIEH.

FTACRU LI IL HLAS HU B'IL KUDDIEM U MA GHANDIX NIĠRI ŬARAJCOM JIEN U NAGHMEL HAFNA SPEJJES GHALIEX SPEJJES IL ĠURNAL FIH B'IŻŻEJJED.

MIN IRID JIBGHAT BOLLI TA'T-TLIETA F'LOC FLUS JISTA.

MIN JISSIEHEB ĠDID U JCUN IRID IN-NUMRI TA KABEL GHANDI MNEJN NATIHOMLU (B'IL HLAS).

★

HAREĠ IL CTIEB SABIH

**"IL MAHBUB TA' GESÙ."**

TA' S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, B'IL HAJJA U B'IR-RITRATT TA' L' AŬTUR, B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIHA "SAN ĠŬANN EVANGELISTA F'PATMOS."

DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GHALCHEMM FIH FUK IL GHOXRIN FAXXICLU SEJJER JIMBIEH **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN HA L-EŬŬEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGHBARHOMX IGIBHOMLI U JIENA NATIEH UIEHED MEHJUT U LEST. IXTRUH HALLI TAKRAU CTIEB TASSEŬ SABIH.

A. LEVANZIN.

Min irid ipejjep sigarri "Verginja" ta'l aħjar qŭalità jixtri daŭc li jinħadmu f'il Fabbrica ta' Feliċ Ebejjer, 22 Strada Concezione, Bormla.

Għand Carmnu Delia ta' Strada Marina, Bormla, jinsabu għal bejħ mobbli ta'l geŭs u ta'l caŭba m'il l-isbaħ u bi prezzijiet irħas. Min jipprova joħroġ għal kalbu sgur.

Min irid ikatta nofs siegħa biex jieħu pjacir tasseŭ imur f'iċ-Cinematografu il ġdid ta' Ta's-Sliema ta'x-Xatt imsejjaħ SANSPAREIL. M'hux biss jara loc m'il l-isbaħ iżda jara ucoll ħafna pellicoli novità. Tħajjru u ma jibdielcomx.

Fl-Economical Central Dispensary ta' kuddiem il Għajn ta'l Furjana jcun hemm il vista ta't-Tabib m'it-8 sa'd-9 u nofs ta' f'il għodu u m'it-3 u nofs sa'l 4 u nofs ta f'il għaxija, cull jum.

Dŭardu Carabott ta' Via Boschetto, ir-Rabat, ibieħ sigarri Virginja, bl-ingrossa u bl-imnut u jikka għal l-ichel lill cull min irid jiecol buccun tajjeb u b'irħis.

Jecc tmorru xi ġurnata lejn Ħal Lija u tcunu tridu talluġġaŭ jeŭ tieclu tajjeb morru f'il Hotel Zammit ta' lejn Sant Anton.

It-tabib Enrico Cauchi ta' Bormla għamel cors barra minn Malta biex jeżamina l-urina seŭŭa. Għalecc min irid jeżamina l-urina tiegħu chif titlob ix-xjenza jmur għandu, fuk Santa Margherita, u jonfok flusu f'is-sod.

Min irid jixtri xogħlijiet tasseŭ sbieħ ta'l archett imur f'il Crystal Palace Hotel, Piazza Chiesa, Ħal-Luka, għand Ghejtu Camilleri.

Min irid jixtri gażużi u birra ibbottiljata m'il l-aħjar imur għand Fonsu Borin, Str. St. Antonio, il Birgu.

Min irid jixtri bi rħis machinetta li tagħmel timbri ta'l cauxù imur għand Filippu Verzin, 31 Str. Reale, il Ħamrun.

Dar għal chiri fi Str. Sta. Margherita, No 21A, Bormla. Morru għand G. Azzopardi, ta'd deheb, Piazza Gavino Gulia.

Jecc xi ħadd irid jinkeda b'cummari tajba jsejjaħ l'is-Sinjura F. Theuma Grima ta'l Ħamrun (27 Str. Reale) u joħroġ cuntent.

Jecc xi ħadd irid jitgħallem jagħmel xorbijiet bi rħis u m'il l-aħjar imur għand Adrian Sammut ta' Piazza St. Agostino ta'l Ħamrun.

Min irid ikatta tasseŭ nofs siegħa mogħdija ta'ż-żmien u jieħu pjacir imur jeŭ ic-Cinematografu-Cummerċ jeŭ f'ic-Cinema Iperia ta' Strada Rjali għaliex it-tnejn icollhom dejjem pellicoli m'il l-isbaħ.

Min irid jixtri sapun tajjeb u żejt ġdid m'il l-aħjar imur għand Agius u Galea, 1B Strada Levante, il Belt u jtenni.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Min icollu bżonn li jircanta jeŭ jistma xi ħaġa, jeŭ min irid jixtri fajjenzi, affarijiet ta'l mejda, jeŭ mobbli seconda man ucoll imur għand is-Sur Diomede Azzopardi, No. 10A. Strada Reale, Il Belt, jeŭ fuk S. Paul, Bormla.

Is-Sur Salv: Zammit hu l-Agent għal Malta ta'l imfaħħra Dar ta'l fjuri u siġar, Nastasi e Figlio. Dal ŭakt jasal f'Malta Salv: Nastasi biex jieħu l-ordnijiet ta' Camelji, Gardenji, siġar ta'l frott u ħamrija ta'l felci. Min irid jordna xi ħaġa jmur fi Strada Stretta No. 146. Il Belt, cantuniera ma Str: Santa Lucija.

Għa't-tfal ta'l Iscola Billion li jokogħdu il Belt, il Furjana jeŭ l-Imsida hemm omnibus apposta biex jieħodhom u jgibhom ta' cull jum u jcunu inducrati minn surmast li jieħu ħsiebhom.

Min irid jixtri ctieb b'il malti, ta' 300 faċċata, sabiħ ŭisk li jfisser cull ma tagħmel il Cnisja ma tul is-sena jibgħat Għaŭdex, il Kala, għand Dun Manŭel Galea, 53 Strada Migiarro. Ikum xelin il ŭieħed, bi't-tuzzana 10 soldi.

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa imur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il l-aħjar u m'il l-orħos?
Ixtru is-sigarretti "Imperial" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħŭienet principali.

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.